**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-10 ta' Marzu, 2020**

**Talba Numru: 503/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 34.**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**
**hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Paul Cohen (K.I.333860M) sija bil-polza u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Mario Paul Cohen – Triq l-Imsida, Gzira**

**Vs**

**Water Services Corporation**
**Head Office, Triq Hal Qormi, Luqa**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv f'isem il-Kunsill Lokali Furjana**
**15, Pjazza Emanuel S. Tonna,**
**Floriana**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici noe fil-31 ta' Ottubru 2017 li permezz tieghu hija talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija tlieta u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€643.86c) rapprezentati in kwantu ghas-somma ta' sitt mija tlieta u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€643.86c) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsin ewro (€50) l-excess payment illi l-attur Mario Paul Cohen hallas in konnessjoni

ma' dan l-incident, u in kwantu s-somma ta' hames mija tlieta u disghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€593.86c) id-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' incident li sehh fil-05 ta' Ottubru 2015 fi Triq San Publiju, Furjana li bhala konsegwenza tieghu l-vettura bin-numru ta' registrazzzjoni CCC 756 proprjeta' tal-attur Mario Paul Cohen soffriet hsarat wara li saqet fuq gradilja li ma kienetx imwahhla sew u thalliet oghla mil-livell tat-triq in kwistjoni minghajr ebda dawl u/jew senjalagg adegwat u ghalhekk dan l-incident sehh bhala konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-konvenuti jew min minnhom li jzommu l-imsemmija triq fi stat xieraq ta' manutenzjoni.

Illi a fol 5 il-Korporazzjoni ntimata eccepiet li hija m'hijiex il-legittima kontradittrici; li l-Korporazzjoni esponenti tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; li l-Korporazzjoni esponenti m'hijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni; li minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-atturi li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement id-danni reklamati qed jigu kkontestati; li minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz il-Korporazzjoni esponenti m'ghandiex tigi kkundannati thallas l-imghax, l-ispejjez ta' din it-talba u dawk tal-ittri ufficjali msemmija fit-talba.

A fol 6 il-Kunsill konvenut eccepixxa li t-talbiet tal-attur qed jigu kontestanti stante li hemm lok li jizdiedu l-ismijiet tas-Sindku u tas-Segretarja Ezekuttiva li qed jidhru in rapprezentanza tal-Kunsill konvenut; li t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat incident u dana hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub ma hux reali u hu esagerat.

A fol 16 Martin Paul Cohen spjega li fil-05 ta' Ottubru 2015 kif wasal Triq Sant Anna il-Furjana ghan-naha ta' fuq mal-MCP Car Park u dahal fuq ix-xellug mal-foss li taghti ghal fejn l-Istitut Kattoliku mar biex jipparkja u wehel mal-isprall li kien qieghed il fuq mit-triq. Kif semghu huwa waqaf mal-ewwel u ma kienx jaf ma xiex wehel mill-karozza u sab l-isprall imwahhal gol bumper tal-karozza. Huwa ppanikja resaq lura u mar jipparkja faccata. Huwa jichad li setgha jara dan l-isprall.

A fol 29 fl-affidavit tieghu Malcolm Aquilina Claims Adjustor mas-socjeta' attrici xehed li Mario Paul Cohen kien assigurat mas-socjeta' attrici u Cohen fetah claim maghhom u sar survey report.

A fol 86 xehed Kumar Bonello, motor assessor mas-socjeta' attrici u li spezzjona l-vettura in kwistjoni u ghamel rapport u kkonstata li l-hsarat kienu minimi. Il-vettura kellha hsara fuq il-bumper ta' quddiem u biddilna xi trims li kien hemm fuq il-bumper peress li jehlu bil-kolla u li dawn il-hsarat kienu kompatibbli ma' xi haga fil-baxx.

A fol 102 xehed PC 183 Daniel Garzia li pprezenta ir-rapport u li xogholu kien biss li jdahhal ir-rapport fis-sistema taghhom tal-Pulizija u li kienu kkuntattjaw lil Water Services biex jinfurmawhom fuq il-kaz u nfurmawhom li ser jghaddu r-rapport taghhom lill-Kunsill Lokali.

A fol 109 xehed Dr Daniel Saliba, Junior Officer fid-Dipartiment ghal Gvern Lokali li t-triq fejn gara l-incident cioe' Triq San Publiju Floriana taqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali Floriana u a finijiet ta' responsabilita' tal-Kunsill jigifieri ghal manutenzjoni ta' dik it-triq din taqa' wkoll taht ir-responsabbilita' tal-istess Kunsill.

A fol 118 xehdet M'Lourdes Lautier Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill konvenut li f'Novembru 2017 il-Kunsill kien ikkonsidra li jitlob lill-Gvern Centrali ghall-ghajnuna finanzjarja biex jigi rikostruwit il-culvert ta' quddiem l-Istitut Kattoliku peress li kien qed jitghawweg l-isfel. Dan kien kagun ta' vetturi li jghaddu jew jipparkjaw fuqu partikolarment l-ingenji kbar li jintuza waqt attivitajiet kbar tal-massa li jsiru fuq il-fosos matul is-sena. Kemm ilha Segretarju Ezekuttiv hi tal-Kunsill Lokali tal-Furjana l-Kunsill ma rcieva ebda rapport ta' gradilji li nqalghu minn posthom wara li ghaddew jew ipparkjaw karozzi jew ingenji fuqhom.

In kontro-ezami fol 131 Lautier xehdet li huma qatt ma kkunsidraw jitolbu l-ghajnuna tal-Water Services u kkunsidraw li jitolbu l-ghajnuna tal-Gvern Centrali. Meta gara l-incident hija kienet ghadha mhix Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut u li kemm ilha hija f'din il-kariga hija qatt ma irceviet ilment dwar xi sprall izda kkonfermat li l-Kunsill huwa

responsabbli li jzomm l-upkeep u mhux li jaghmilhom u li dan il-fault kien xi rapurtat lill-Kunsill.

A fol 123 xehed Svetlick Flores li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Furjana bejn is-sena 2011 u 2016 u kkonferma li kien hemm spralli in-naha tal-fosos u li wara li rcevew it-talba ta' Cohen ghal hlas ta' danni mmedjatament baghat haddiem fuq il-post indikat biex jara hemmx xi hsarat/manutenzjoni li hemm bzonn li jsir u dan kif kienet dejjem il-prassi. Huwa ma jiftakarx li kien dahal rapport dwar sprall mgholli u ghalhekk ma ftakarx li saret xi manutenzjoni partikolari.

In kontro-ezami fol 137 Flores kkonferma li l-upkeep ta' dawn l-ispralli tal-ilma tax-xita huma tal-Kunsill konvenut.

A fol 125 xehed Ronal Pace Manager Central Region li jiehu hsieb l-area ta' Marsa, Belt Hamrun u jiehu hsieb l-ilma u d-drenagg. Meta muri l-ispralli fi Triq San Publiju l-Furjana huwa xejn li huwa ra dawn l-ispralli izda dawn l-ispralli ma humiex tal-Water Services ghax huma tal-ilma tax-xita u l-Water Services tiehu hsieb is-sistema ta' drenagg u tal-ilma potabbli.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra

Li bhala fatti l-partijiet qed jabqlu – li l-incident gara fi Triq San Publiju l-Furjana u li gara minhabba sprall li kien hemm oghla mit-triq. Mill-provi jirrizulta car li li sprall huwa sprall tal-ilma tax-xita, u li l-manutenzjoni ta' dan li sprall hija tal-Kunsill Lokali u dan kif gie konfermat mill-impjegati tal-Kunsill konvenut stess.

Dwar l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta li l-Korporazzjoni mhix il-legittimu kontradittu t-Tribunal jirrileva dan li gej:

**L-Artikolu 780 tal-Kap 12** jipprovdi illi *"l-eccezzjoni dwar l-illegittimita tal-attur jew tal-konvenut tista tinghata meta l-wiehed jew l-iehor huwa inkapaci skont l-ligi biex*

*joqghod f'kawza inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interss ta' haddiehor minghajr ma jkun awtorizzat skont il-ligi ghaldaqshekk."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et Qorti tal-Appell 5.10.2001** dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur, dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk part in kawza kientx jew le legittimu kontradittrici l-parti l-ohra l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk l-persuna citat fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li skont l-attur holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti".*

L-istess fil-**kawza Av Michael Psaila noe vs Joseph Pace deciza 3.10.2008 Prim Awla per Imh Valenzja kawza 1236/07 fejn** il-Qorti sostniet li: *"Min jeccepixxi li hu mhux l-legittimu kontradittur jehtieg li jipprova li hu ma kienx l-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport".*

Li ghalhekk l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta li hija mhix il-legittimu kontradittur qed tigi milqugha stante li din il-Korporazzjoni hija estraneja ghal kollox kemm ghall-incidenti u kemm ghal manutenzjoni tal-isprall fejn sehh l-incident.

Li fit-trattazzjoni l-Kunsill konvenut qed jikkontendi li Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li sprall ma jaqax taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali u dan in vista tat-tifsira ta' triq fl-Artikolu 2 tal-istess Kap. Is-socjeta' attrici irribadiet li tali tifsira ma kienetx fis-sehh meta gara l-incident fil-05 ta' Ottubru 2015.

Illi minkejja li l-Kunsill ma eccepiex dan fir-risposta tieghu u strettament dan it-Tribunal setgha ma ha in konsiderazzjoni taghha, dan it-Tribunal xorta wahda sejjer jikkunsidra din l-eccezzjoni.

L-Artikolu 2 tal-Kap 363 jiddifinixxi triq għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta u għall-finijiet ta' dan l-Att,

fejn applikabbli, għandha tinkludi wkoll kwalunkwe triq lokali, sqaq, misraħ, pont, xatt il-baħar, moll, jew xi post ieħor ta' passaġġ pubbliku jew aċċess;

L-istess Artikolu jiddefinixxi "triq lokali" għandha jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta.

Izda l-Att dwar l-Agenzija ghal Infrastruttura gie fis-sehh fl-04 ta' Settembru 2018 u ghalhekk ferm wara d-data tal-31 ta' Ottubru 2017 meta sehh l-incident.

Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Kunsill konvenut cioe' li ghandhom jigu nkluzi l-isem tas-Sindku u tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill dan it-Tribunal ma jaghtix ragun lill-istess Kunsill stante li l-Att li waqqaf il-Kunsilli Lokali F'Malta Kap 363 fl-Artikolu 27 ma jghid xejn minn dan.

Ghaldaqstant anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni tal-Kunsill kovenut li l-ammont mitlub huwa esagerat, il-Kunsill ma gab ebda prova dwar din l-eccezzjoni u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Ghaldaqstant qed jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici noe et billi jilqa' l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni tal-Ilma u jiddikjara li hija giet imharka inutilment, u jordna lill-Kunsill konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tlieta u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€643.86c) bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez tas-socjeta' attrici u tal-Korporazzjoni konvenuta a karigu tal-Kunsill konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**